32005R1892

L 302/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 19.11.2005

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1892/2005

ta' l-14 ta' Novembru 2005

li jtemm ir-reviżjoni provviżorja parzjali tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikulari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

---

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

BILLI:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

(1) Fid-9 ta' Settembru 1993, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2474/93[1] impona dazju *anti-dumping* definittiv ta' 30,6% fuq l-importazzjonijiet tal-biċikletti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ('ir-RPĊ'), ('il-miżuri oriġinali'). Fit-18 ta' Jannar 1997, wara investigazzjoni dwar l-evażjoni tal-miżuri, dan id-dazju ġie estiż bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 għall-importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tal-biċikletti li joriġinaw mir-RPĊ.

(2) Fl-14 ta' Lulju 2000, wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1524/2000[2], iddeċieda li l-miżuri msemmija hawn fuq għandhom jinżammu fis-seħħ.

(3) Fl-14 ta' Lulju 2005, wara reviżjoni provviżorja skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku ('l-investigazzjoni preċedenti'), il-Kunsill permezz tar-Regolament (KE) Nru 1095/2005, emenda d-dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-biċikletti li joriġinaw mir-RPĊ. Ir-rata emendata ta' dazju applikabbli fuq il-prezz nett, liberu fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, hi ta' 48,5% għall-importazzjoni ta' biċikletti li joriġinaw mir-RPĊ.

---

[1] ĠU L 228, 9.9.1993 p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 71/1997 (ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55).

[2] ĠU L 175, 14.7.2000, p. 39. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1095/2005 (ĠU L 183, 14.7.2005, p. 1).

2. Investigazzjoni preżenti

(4) Il-Kummissjoni rċiviet talba ppreżentata mill-Giant China Co., Ltd. ('l-applikant') għal reviżjoni provviżorja parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(5) It-talba kienet ibbażata fuq evidenza *prima facie*, ipprovduta mill-applikant, li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom il-miżuri kienu stabbiliti nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura persistenti. L-applikant allega, *inter alia*, li ċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' l-istatus ta' ekonomija tas-suq ('l-MES') inbidlu b'mod sinifikanti. B'mod partikulari, l-applikant afferma li hu issa ssodisfa r-rekwiżiti biex ikun attribwit l-MES skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Barra dan, l-applikant ipprovda evidenza li turi li paragun ta' valur ibbażat fuq l-ispejjeż/il-prezzijiet domestiċi tiegħu u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni Ewropea mkabbra iwassal għal marġini ta' *dumping* li jkun b'mod sinifikanti anqas mil-livell tal-miżuri attwali. Għalhekk, l-applikant allega li l-impożizzjoni kontinwata tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma kinitx aktar neċessarja biex jiġi newtralizzat id-*dumping*.

(6) Il-Kummissjoni, wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv, fid-19 ta' Frar 2005 permezz ta' notifika ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[1] inizjat reviżjoni provviżorja parzjali limitata fl-ambitu tagħha għall-eżami jekk l-applikant operax skond il-kondizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq kif definit fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku jew alternattivament jekk l-applikant issodisfax ir-rekwiżiti biex jiġi allokat dazju individwali skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(7) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju u formola ta' rikjesta għall-MES skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku lill-applikant.

---

[1] ĠU C 44, 19.2.2005, p. 24.

(8) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-perjodu ta' l-investigazzjoni' jew il-'PI').

3. Partijiet konċernati fl-investigazzjoni

(9) Il-Kummissjoni nnotifikat lill-produtturi esportaturi, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Komunità bil-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub, li jippreżentaw l-informazzjoni u li jipprovdu evidenza ġustifikattiva u li jitolbu smigħ fiż-żmien stipulat fl-avviż ta' l-inizjazzjoni. Il-partijiet kollha interessati li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet għala huma għandhom ikunu mismugħa ngħataw smigħ.

B. PRODOTT KONĊERNAT

(10) Il-prodott konċernat hu l-istess bħal dak kopert mill-investigazzjonijiet oriġinali u preċedenti, jiġifieri l-biċikletti u ċikletti oħrajn (inklużi t-triċikletti tat-tip *delivery*), mhux motorizzati, attwalment klassifikati fil-kodiċijiet 8712 00 10, 8712 00 30 u 8712 00 80 tan-NM (il-prodott konċernat). L-ebda evidenza ma nstabet li tissuġġerixxi li ċ-ċirkostanzi li jirrigwardaw il-prodott konċernat kienu tbiddlu b'mod sinifikanti minn meta ġew imposti l-miżuri.

C. RIŻULTAT TA' L-INVESTIGAZZJONI

1. Status ta' Ekonomija tas-Suq (MES)

(11) Fil-qafas ta' l-investigazzjoni li kienet konluża bir-Regolament tal-Kunsill 1095/2005, kien ġie stabbilit li l-produtturi esportaturi Ċiniżi li kienu qed japplikaw għall-MES ma kinux jissodisfaw il-kriterji ffissati fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku, għar-raġunijiet definiti fil-premessi (31) sa (33) ta' l-imsemmi Regolament. L-applikant kien fost il-kumpanniji mċaħħda l-MES fi ħdan il-qafas ta' dik l-investigazzjoni.

(12) Minħabba l-fatt li r-riżultati, li jirrigwardaw ir-rikjesti għall-attribuzzjoni tal-MES, ta' l-investigazzjoni preċedenti għadhom ukoll validi għas-sena 2004, bħala PI ta' l-investigazzjoni kurrenti, kien ġie deċiż, wara li kien konsultat il-Kumitat Konsultattiv, li ma jiġix attribwit l-MES lill-applikant, billi hu ma kienx jissodisfa l-kriterji ffissati fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku.

2. Trattament individwali (TI)

(13) Fil-qafas ta' l-investigazzjoni preċedenti, kien ġie wkoll konkluż li l-produtturi esportaturi Ċiniżi, filwaqt li applikaw għal TI ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji għal trattament individwali kif definit fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku minħabba r-raġunijiet definiti fil-premessi (45) sa (47) tar-Regolament 1095/2005.

(14) L-applikant kien fost il-kumpanniji li ma ssodisfawx ir-rekwiżiti neċessarji għal trattament individwali fil-qafas ta' l-investigazzjoni preċedenti u r-riżultati ta' dik l-investigazzjoni għadhom ukoll validi għall-PI ta' l-investigazzjoni preżenti. F'dan ir-rigward, kien stabbilit li l-produtturi esportaturi kollha tar-RPĊ kienu suġġetti għal kontroll sinifikanti mill-Istat fir-rigward tad-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tagħhom u l-kwantitajiet tal-prodott konċernat kif spjegat fil-premessa (13). Kien, għalhekk, konkluż li l-applikant ma jissodisfax ir-rekwiżiti għal trattament individwali fil-qafas ta' l-investigazzjoni preżenti.

3. Konklużjoni

(15) Minħabba dak li ntqal hawn fuq, la l-MES u lanqas it-TI ma jistgħu jiġu attribwiti lill-applikant. Abbażi ta' dan, hu kkunsidrat li, fil-każ ta' l-applikant, iċ-ċirkostanzi li jirrigwardaw id-*dumping* ma nbidlux b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sitwazzjoni prevalenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet sabiex jiġu emendati l-miżuri. Għalhekk, hu konkluż li r-reviżjoni provviżorja parzjali tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' biċikletti fil-Komunità li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandha tintemm mingħajr ma jiġu emendati l-miżuri fis-seħħ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

1. Ir-reviżjoni provviżorja parzjali tad-dazju *anti-dumping* applikabbli fuq l-importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina hi b'dan terminata.

2. Id-dazju *anti-dumping* definit impost bir-Regolament (KE) Nru 1524/2000 għandu jinżamm fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Novembru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
T. JOWELL